MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 1241/1989/3

**Brian Valenzia bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-Socjeta` Arva Insurance Agency Limited u dina bhala Agenti f'Malta tas-Socjeta` Maritime Insurance Company Limited, socjeta` estera u kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom P. Cutajar & Co. Ltd abbasi tal-Ligi u tal-Polza ta' Assikurazzjoni**

**vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana u Godwin Abela bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni tal-21 ta' Novembru, 1989 l-attur nomine ppremetta illi l-assigurat ta' l-attur nomine importa gewwa Malta container li kellu n-numru OOLU 235495/2 li kien fih 1160 kaxxa whisky, liema container wasal Malta fuq il-vapur Anglia fil-31 ta' Lulju 1989 u gie skarikat minn fuq l-istess vapur u ghadda f'idejn il-konvenuti nomine jew min minnhom; illi meta l-assigurat ta' l-attur nomine mar fil-11 ta' Awissu 1989 biex jirtira dan il-container minghand il-konvenuti, dan ma nstabx u allura ma seta' qatt jiehu pussess tieghu; illi abbasi tal-polza ta' assikurazzjoni li kellu l-assigurat tal-attur mal-attur nomine dan gie kkumpensat tal-perdita tieghu fl-ammont ta' LM16,600 u inoltre l-assigurat ta' l-attur nomine issurroga lill-attur nomine fid-drittijiet tieghu; illi abbasi tal-ligi, l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dan in-nuuqas taghhom verso l-assigurat ta' l-attur nomine u issa versu l-istess atturi nomine minhabba traskuragini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' hila u non-kuranza fl-ezercizzju tal-professjoni taghhom u inadempjenza fl-inkarigu taghhom; illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni bonarja tad-danni minnhom kagunati permezz tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Awissu, 1989 u tal-25 ta' Settembru huma baqghu inadempjenti; talbu li l-allura Qorti tal-Kummerc:-

1. tiddikajara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli versu l-atturi nomine ghan-nuqqas ta' konsenja tal-container whisky fuq imsemmi u ghall-konsegwenzjali danni ammontanti ghall-LM16,600 sittax-il elf u sitt mitt lira maltin minhabba traskuragini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' hila u non-kuranza fl-esercizzju tal-professjoni taghhom u inadempjenza tal-inakrigu lilhom fdat u

2. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma ta' LM16,600 valur ta' l-istess whisky lill-atturi

nomine in via ta’ danni kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.
Bl-imghax legali mill-11 ta’ Awissu, 1989 u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri ufficjali tal-25 ta’ Awissu u tad-29 ta’ Settembru 1989 kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

B’nota tad-29 ta’ Jannar, 1990 l-Kontrollur tad-Dwana eccepixxa:-
1. Illi kwantu diretti kontra tieghu t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa qatt ma kien responsabbli ghall-kustodja tal-oggetti in kwistjoni u ma jirrispondiex ghad-danni li setghu gew sofferti per konsegwenza ta’ l-allegat nuqqas taghhom.

B’nota tat-30 ta’ Lulju, 1990 il-konvenut Godwin Abela nomine eccepixxa:-
1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti kontra s-socjeta` The Cargo Handling Company Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi kif sejjer jigi pruvat waqt il-kawza, s-socjeta` konvenuta ma hija bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat nuqqas ta’ 1160 kaxxa Whiskey li kienu fil-container Nru. OOLU 235495/2.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tat-30 ta’ Novembru, 2000 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet mill-vertenza fuq imsemmija billi laqghet it-talbiet attrici limitatament fil-konfront tas-socjeta` konvenuta “The Cargo Handling Co. Ltd” ghar-ragunijiet moghtija fic-citazzjoni u ghalhekk ikkundannat lill-istess socjeta` thallas l-ammont reklamat u ordnat li, fuq skorat ta’ diversi sentenzi ohra f’din il-materja, l-imghax ghandu jiddekorri biss mid-9 ta’ Jannar 1990 cioe` d-data tan-notifika tac-citazzjoni. Dwar l-ispejjes ipprovdiet billi ordnat li l-ispejjes ta’ l-attur u tas-socjeta` konvenuta jkunu a karigu tal-istess socjeta` konvenuta filwaqt li ordnat li l-konvenut Kontrollur tad-Dwana jbati l-ispejjes tieghu u dana a tenur ta’ l-Artikolu 223(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta minhabba punti ta’ dritt u ragunijiet ohra msemmija fis-sentenza.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel qorti qalet hekk:-

*“Il-Perit Legali Dr. Rachel Bonello ghamlet is-segwenti konkluzzjonijiet fir-relazzjoni taghha:-*

*a) kemm il-konvenut Kontrollur tad-Dwana, kif ukoll is-socjeta` ‘The Cargo Handling Company Limited’ ghandhom jinstabu ugwalment responsabbli versu l-atturi nomine ghan-nuqqas ta’ konsenja tal-container whisky fuq imsemmi:-*

*Skond is-setghat u d-dmirijiet tal-Kontrollur tad-Dwana, kif regolati mill-Ordinanza tad-Dwana, hemm dik kontemplata fl-Artikolu 8(1) – “Kull container mghobbi b’oggeti li jkunu zbarkati jinqafel b’sigilli u sokor mill-Kontrollur jew taht l-istruzzjonijiet u s-sorveljanza tieghu.”*

*Fl-istess Artikolu 8(3), tali sigilli jistghu ma jsirux jew jigu dispensati kemm-il darba ma jistghux jitwahhlu b’mod konvenjenti.*

*Mix-xhieda jirrizulta li l-container gie sigillat, izda l-Kontrollur ma hax il-prekawzjoni li jordna li l-istess container jigi trasportat minn post ghal iehor, bl-iskorta tad-Dwana, aktar u aktar meta l-container kien kkunsidrat bhala ‘high duty stores’. Mix-xhieda irrizulta ukoll li bejn il-31 ta’ Lulju 1989 meta gie skarikat il-container u l-31 ta’ Awissu, 1989 ma nzamm ebda record tac-checking fiziku tal-containers li normalment jsiru mill-ufficjali tad-Dwana.*

*Mill-provi wkoll jirrizulta li l-container hareg minn Laboratory Wharf fejn dan kien mahzun, qabel ma’ sar l-hlas ta’ noll u qabel ma ttiehed mill-importatur u cioe` qabel ma gie pprezentat il-customs clearance certificate.*

*Dan kollu jipprova li l-Kontrollur tad-Dwana kien negligenti fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu.*

*Dwar ir-responsbbilita` tas-socjeta` ‘The Cargo Handling Company Limited’, hija l-konsenjatarja tal-container u ghalhekk bhala tali ghandha tghaddi l-kustodja tal-container lill-importatur wara li jhallas in-noll u c-charges involuti mal-hatt tal-container.*

*Inoltre din l-istess socjeta` hija responsabbli wkoll ghall-magazzinagg u movimenti kollha tal-merkanzija jew*

*containers dejjem taht is-sorveljanza tal-Kontrollur tad-Dwana (Reg 74 u 75 tal-Port Regulations) u mhux obbligata li tirrilaxxa l-merkanzija f'idejn l-importatur qabel ma jigu pprezentati d-dokumentazzjoni msemmija fir-regolament 77 tal-Port Regulations.*

*Jirrizulta li dan il-container thalla johrog minghajr ebda dokumentazzjoni u ghalhekk per konsegwenza din l-istess socjeta` hija responsabbli flimkien mal-Kontrollur u dana meta hija stess naqset mill-obbligi taghha stess skond l-Artikolu 1904 tal-Kodici Civili, li jimponi fuq id-depozitarju l-obbligu li jrodd lura dik il-haga stess li jkun rcieva, fl-istat li tkun fiz-zmien ir-radd."*

Wara dan, l-ewwel Qorti ghaddiet biex ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

*"Jirrizulta li l-Kontrollur tad-Dwana jew is-subalterni tieghu ma hadux il-prekawzjonijiet necessarji. Lanqas biss ma ghamel ic-checking fiziku kif suppost wara li gew skarikati l-oggetti u dan fil-kustodja tieghu. Inoltre l-istess oggetti hargu minn Laboratory Wharf fejn kienu mahzuna, qabel ma sar il-hlas tan-noll u qabel ma gie pprezentat il-customs clearance certificate.*

*Dwar ir-responsabbilita` tas-socjeta` 'The Cargo Handling Co Ltd', kif issottomettiet il-perit legali, is-socjeta` hija responsabbli ghall-maggazinagg u ghal moviment tal-oggetti.*

*Ghalhekk mill-mument li l-oggetti jigu sbarkati s-socjeta` dahlet konsenjatarja ta' l-imsemmija oggetti, bl-obbligu li tirrilaxxa l-oggetti biss wara li jigu pprezentati d-dokumentazzjoni opportuni. Dan m'ghamluhx, izda l-oggetti gew rilaxxati bla ma giet segwita din il-procedura.*
*Ikkunsidrat:-*

*Illi dawn il-fatti semplici li ma jidhirx li huma b'xi mod serjament ikkontestati ghandhom iwasslu lill-Qorti ghal certi konkluzzjonijiet legali li mhumiex sejrin ikunu ghal kollox konformi mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-Perit Legali.*

*Fl-ewwel lok jigi rilevat illi, kuntrarjament ghal dak illi huwa ndikat fin-nota tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana, fil-fehma tal-Qorti l-premessi w it-talbiet attrici huma cari. L-istess attur nomine jibbaza l-pretensjoni tieghu f'dan il-kaz fuq it-traskuragini, negligenza u nuqqas ta' hila tal-konvenuti jew min minnhom. Dawn in-nuqqasijiet jistghu jinkwadraw ruhhom u jsibu l-applikazzjoni taghhom fejn ikun hemm nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjonijiet sew delittwali sew kontrattwali w it-talba li hija wahda ghall-kundanna tad-danni tkopri sew dawk id-danni li jirrizultaw bhala konsegwenza ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili, sew dawk id-danni li jirrizultaw minn nuqqasijiet kontrattwali. B'dana kollu ma hemm xejn kuntrarju ghad-disposizzjonijiet tal-ligi taghna illi jkun hemm responsabbilita` mista ghad-danni kkagunati fejn il-persuna li tkun hekk ikkagunat id-danni tkun obbligata versu min ikun lilu gew ikkagunati sew a bazi tar-relazzjoni kontrattwali sew a bazi ta' xi obbligazzjoni ohra. L-Artikolu 959, infatti, tal-Kodici Civili bl-ebda mod ma jeskludi din l-obbligazzjoni mista u f'kaz li tezisti tista' tigi ezercitata permezz ta' azzjoni mista.*

*Bhala fatt ma jezisti ebda dubbju illi kien hemm negligenza grossolana f'dan il-kaz sew mill-impjegati tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana sew mis-socjeta` konvenuta 'The Cargo Handling Co. Ltd.' Apparti pero` li jirrizulta din in-negligenza minn naha tal-impjegati ta' l-istess Kontrollur tad-Dwana ma jirrizultax illi l-merkanzija in kwistjoni qatt kienet fattwalment u legalment depozitata mieghu. Is-socjeta` konvenuta 'The Cargo Handling Co. Ltd' invece hija l-kuntrattur tad-Direttur tal-Portijiet u hija nkarigata mill-kustodja tal-merkanzija qabel ma din tigi zdoganat (hlief fejn il-merkanzija tigi depozitata fil-Barrieri tal-Gvern fejn allura titqieghed f'idejn il-Kontrollur tad-Dwana u fil-kustodja tieghu).*

*Jirrizulta ghalhekk a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ir-responsabbilita` tas-socjeta` konvenuta sew taht id-dispositiv ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili sew taht dak ta' l-Artikolu 1904 imsemmi mill-Perit Legali.*

*Fir-rigward il-konvenut l-iehor u stante illi ma giex ippruvat li huwa kien b'xi mod mankanti minn dak li ghalih jipprovdi l-Artikolu 1037 ta' l-istess Kodici din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax, ghalhekk, issir kundanna kontra tieghu."*

**L-appell tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors pprezentata fl-20 ta' Dicembru, 2000 interponiet appell lil din il-Qorti fejn talbet li ghar-ragunijiet hemm moghtija tigi riformata s-sentenza fuq imsemmija billi *"tikkonfermha kwantu ddikjarat u iddecidiet illi s-socjeta' konvenuta appellanta m'hijiex responsabbli ghall-ispejjes tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana, tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti laqghet il-kumplament tat-talba attrici u cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanta, billi jigu rigettati d-domandi attrici fil-konfront tas-socjeta` appellanta bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` attrici."*

Fir-risposta taghha s-socjeta` attrici appellata talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tas-socjeta` konvenuta appellanti jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

Il-konvenut Kontrollur tad-Dwana wkoll ipprezenta risposta fejn issottometta "*illi ma jezistux ragunijiet li jiggustifikaw il-varjazzjoni tad-decizjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li permezz taghha huwa gie liberat mit-talbiet."*

L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti huma espressi bil-mod segwenti fir-rikors tal-appell:-

a) Illi s-socjeta` P. Cutajar & Co. Limited kienet fis-7 ta' Lulju 1989 xtrat minghand is-socjeta` United Distillers plc 1160 – il-kaxxa whisky. Din il-merkanzija waslet Malta fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju 1989 fuq il-bastiment MV Anglia. Fl-erbgha (4) ta' Awissu 1989, inharget dikjarazzjoni mid-Dipartiment tad-Dwana biex dan il-container in kwestjoni jitqieghed fid-Depost Barriera. Illi meta rappresentant ta' l-importatur mar fil-hdax (11) ta'

Awissu biex jirtira tali merkanzija, nstab illi dan il-container ma kienx jinstab.
b) Illi, fl-umili opinjoni tas-socjeta` esponenti, biex tirnexxi l-azzjoni attrici kif diretta kontra l-istess socjeta` esponenti trid ssir il-prova li d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-fatt li tali container ma nstabx u ghaldaqstant ma giex ikkonsenjat lill-importatur kienu rizultat ta' nuqqas ta' diligenza tas-socjeta` esponenti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Fl-ispartizzjoni tar-responsabbilitajiet legali ta' diversi entitajiet konnessi mal-port u l-importazzjoni ta' merkanzija gewwa Malta wiehed jrid ta' bilfors meta jikkunsidra l-importatur, jaghmel distinzjoni bejn dawk l-obbligi li huma mposti b'ligi fuq l-konvenut Kontrollur tad-Dwana u dawk li tassumi s-socjeta` konvenuta, qua kuntrattur tad-Direttur tal-Portijiet.

Fil-kaz tal-Kontrollur tad-Dwana l-obbligu ewlieni huwa dak li ma jippermettiex li tidhol merkanzija gewwa Malta minghajr ma jithallas d-dazju ta' importazzjoni dovut fuq l-istess merkanzija. Dan l-obbligu l-Kontrollur jaqdieh permezz tal-ufficjali tieghu li ghandhom d-dmir li jzommu kontroll fuq il-movimenti tal-merkanzija li tigi importata u li, qabel ma tigi rilaxxata mid-depost, jassiguraw li kwalunkwe dazju fuq dik il-merkanzija jkun gie sodisfatt. Mil-banda l-ohra s-socjeta` The Cargo Handling Company Limited ghandha vesti ghal kollox differenti minn dak tal-Kontrollur tad-Dwana. Din, ex lege, hija l-agent tad-Direttur tal-Portijiet u per konsegwenza kull merkanzija li tasal hawn Malta trid, ta bil-fors, tghaddi in konsenja ta' din is-socjeta` li mhux biss ghandha l-obbligu li tikkustodiha kemm iddum fil-paramentri tal-port izda ghandha l-obbligu li tikkonsenja l-istess merkanzija lid-destintarju taghha. Hija din il-kumpanija li tirrilaxxa l-Gate Pass Out li huwa d-dokument li finalment ghandu l-iskop li jawtorizza l-istess rilaxx. Ghalhekk filwaqt li l-Kontrollur, bid-drittijiet kollha ta' salvagwardja li ghandu, huwa interessat principalment fil-protezzjoni tal-gbir tad-dazju

fuq merkanzija importata, is-socjeta` konvenuta hija finalment dik l-enti li ghandha r-responsabbilita’, qua depozitarja tal-merkanzija, li tara li dik l-istess merkanzija tigi kkonsenjata lil min ghandu titolu ghaliha.

L-obbligi tad-depozitarju huma benn delineati fl-Artikoli 1899 et sequitur tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fost dawn l-obbligi nsibu li id-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta’ hwejgu. Dan l-obbligu ghandu jigi applikat b’mod aktar sever meta, apparti cirkostanzi ohra, ikun hemm ftehim, bhal fil-kaz in ezami, li d-depozitarju ghandu jithallas ghall-kustodja tad-depozitu. F’dan il-kaz il-igi trid li d-diligenza li ghandha tigi ezercitata mid-depozitarju ghandha, f’kull kaz, tkun dik ta’ missier tajjeb tal-familja. Huwa wkoll stabbilit li d-depozitarju ghandu jrodd il-haga ddepozitata lil dak biss li jkun fdahielu, jew lil dak li fl-isem tieghu jkun sar id-depozitu, jew lill-persuna li tkun giet mahtura biex tircievi lura l-haga.

Mill-fatti tal-kaz jirrizulta li s-socjeta` konvenuta appellanti hadet konsenja tal-container in kwistjoni u b’hekk, inkwantu depozitarja kontra pagament, kienet obbligat li tezercita l-massima prudenza biex tassigura li dik l-merkanzija tigi rilaxxjata biss f’idejn min kien intitolat ghaliha.

Jirrizulta li dan ma garax, anzi jirrizulta bla ebda dubbju li l-container kontenenti l-merkanzija destinata lis-socjeta P. Cutajar & Co. Ltd qatt ma gie kkonsenjat lil din is-socjeta` billi meta r-rapprezentant taghha mar biex jirtira l-istess container dan ma nstabx. Isegwi li s-socjeta` konvenuta appellanti naqset fl-obbligi taghha, u ta’ dan s-socjeta` konvenuta trid tirrispondi.

Qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti li n-nuqqas ta’ dan il-container mid-depost fejn kien tqieghed kien rizultat ta’ negligenza u anke sahansitra azzjonijiet kriminali ta’ impjegati tal-konvenut l-iehor Kontrollur tad-Dwana. Issa ghal dik li hija negligenza ta’ impjegati tal-istess Kontrollur din bl-ebda mod ma tnaqqas mir-responsabbilita` tas-socjeta` appellanti ghax, kif rajna aktar il-fuq, l-obbligi tal-

Kontrollur u s-subalterni tieghu mhux indirizzati lejn l-kustodja tal-merkanzija ut sic izda lejn l-“interessi tal-fisku”. Ghalhekk kemm-il darba kien hemm xi nuqqasijiet da parti tal-Kontrollur jew tal-impjegati tieghu dawn setghu effettwaw b’mod avvers l-borza ta’ Malta u mhux il-valur tal-merkanzija per se li wara kollox huwa l-meritu ta’ din il-kawza nkwantu naqset din il-merkanzija.

Kwantu ghall-allegazzjonijiet ta’ agir “kriminali” da parti tal-impjegati tal-Kontrollur tad-Dwana jigi fl-ewwel lok rilevat li dawn l-allegazzjonijiet huma bla bazi nkwantu mhux pruvati. Fit-tieni lok ghandu jinghad li ma saret ebda prova li l-istess Kontrollur kien responsabbli ghall-agir jew nuqqasijiet tal-impjegati tieghu a tenur ta’ l-Artikolu 1037 tal-Kap 16 billi ma ntweriex li dan kien negligenti fl-ghazla tal-impjegati. Fl-ahharnett b’referenza ghal dak li jinghad fir-rikors tal-appell dwar nuqqas tal-konvenut Kontrollur tad-Dwana li ma tpoggewx indikazzjonijiet dwar in-natura tal-merkanzija kontenuta fil-container, jigi rilevat li s-socjeta` appellanti qatt ma kellha d-dritt li tkun taf bil-kontenut tal-container billi l-Artikolu 1903 tal-Kap 16 jiddisponi espressament li d-depozitarju “*m’ghandux ifittex x’xinhuma l-hwejjeg iddepozitati, meta jkunu gew fdati lilu f’kaxxa maghluqa jew misrura u ssigillati”* – bhal fil-kaz tal-container in kwistjoni. Ghalhekk, anke jekk kien hemm xi nuqqas tal-ufficjali tad-Dwana li jpoggu s-sigilli soliti f’merkanzija maghrufa bhala “high duty stores”, dan in-nuqqas ma jaghmel ebda rifless fuq l-obbligi tas-socjeta` appellanti u fl-istess hin ma jnaqqas xejn mid-dmirijiet taghha.

Illi ghal dak li gie sottomess dwar l-effetti ta’ forza magguri fuq l-obbligi tas-socjeta` konvenuta appellanti jigi osservat li ghalkemm huwa minnu li d-depozitarju ma jwiegeb qatt ghall-accidenti li jigru b’forza magguri, hlief jekk ikun gie mqieghed *in mora* ghar-radd tal-haga ddepozitata (li mhux il-kaz), din il-Qorti tosserva li persuna ma tistax teccepixxi l-forza magguri, f’dan il-kaz serqa, jekk l-akkadut kien direttament ir-rizultat ta’ nuqqas ta’ obbligu legali impost fuq l-istess depozitarju. Certament jirrizulta li l-container in kwsitjoni hareg mil-‘gate’ tad-depost fejn kien tpogga. Biex hareg minn hemm kellu necessarjament jirrizulta lis-

socjeta` appellanti li kien qed jigi kkonsenjat lid-destinatarju. Infatti ma garax hekk inkwantu l-container inghata lill-persuna jew persuni njoti u li qatt ma kien messhom gew rikonuxxi mill-istess socjeta` appellanti bhala l-persuni intitolati ghal dik il-merkanzija – ghalhekk, jekk grat serqa din sehhet minhabba n-nuqqas tas-socjeta` appellanti u hadd iehor, u din illum ma tistax tuza n-negligenza taghha biex tehles mir-responsabbilita` taghha ghall-akkadut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited qed jigi michuda u s-sentenza appellata kkonfermata. L-ispejjes kollha ta' dan l-appell ghandha tbaghtihom l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------